# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024**

**Numru**

**Rikors Numru 258/2024**

**Michael Debono Limited (C 10002)**

**vs**

**Anas Alahmad (K.I. 0117663A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Michael Debono Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tat-8 ta' Marzu 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenut, fl-ammont ta' **sbatax-il elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro, disgħa u tletin ċentezmu (€17,238.39)** rappreżentanti in kwantu għal €3,327.00 f'kapital u interessi dovuti fuq i-vettura BMW b' *Chassis Number* WBAJF32020WD95149 li s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lill-konvenut skont Hire Purchase Agreement tal-4 ta' Awwissu 2021, hawn anness u immarkat bħala ***DOK A***, u in kwantu għas-somma ta' €13,911.39 rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-imsemmija vettura li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond l-imsemmija skrittura, oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, u dan skond ma jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala ***DOK B*.**

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjetà attriċi, l-intimat m'għandhu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas l-imsemmi ammont, huwa baqgħa inadempjenti u ma ħallasx.

4. Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:**

I. **Tiddeċiedi** din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. **Tikkundanna** il-konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' **sbatax-il elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro, disgħa u tletin ċenteżmu (€17,238.39)** rappreżentanti in kwantu għal €3,327.00 f'kapital u interessi dovuti fuq i-vettura BMW b' *Chassis Number* WBAJF32020WD95149 li s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat lill-konvenut skont Hire Purchase Agreement tal-4 ta' Awwissu 2021, ***DOK A*** fuq imsemmi, u in kwantu għas-somma ta' €13,911.39 rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-imsemmija vettura li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu skond l-imsemmija skrittura, ***DOK B*** fuq imsemmi, oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 40/2024 u l-ittra uffiċjali numru 3/2024 preżentati kontra l-intimat oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu.**

Rat li l-konvenut għalkemm notifikat kif trid il-liġi baqa' fi stat ta' kontumaċja anke minkejja li din il-Qorti ppermettitlu jikkontesta l-Kawża stante li din saret bid-dispensa tas-smiegħ.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Qrat l-affidavit ta' Isaac Debono.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawża saret bil-proċedura speċjali straordinarja ai termini tal-artikolu 167(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2024 deher il-konvenut assistit mill-avukat tiegħu fejn ikkontesta li l-kawża tibqa' tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ. Il-Qorti ammettietu jagħmel nota ta' eċċezzjonijiet b'dana kollu baqa' kontumaċi. Tagħtu wkoll l-opportunita' li jagħmel nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u baqa' m'għamel xejn.

Il-Qorti eżaminat id-dokumenti kollha fil-kawża u ħadet ukoll inkonsiderazzjoni x-xhieda tar-rappreżentant tas-Soċjeta' Attriċi. Il-konvenut f'ebda ħin ma kkontesta l-ammonti li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi u dan meta tagħtu din l-opportunita. Hu baqa' m'għamel xejn.

Wara li qieset kollox, il-Qorti hija konvinta li t-talbiet Attriċi huma ġustifikati u għalhekk ser jintlaqgħu.

**Deċide**

Għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta' Attriċi l-ammont ta' sbatax -il elf, mitejn u tmienja u tletin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€17,238.39) bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**